

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1007/2013

tat-18 ta' Ottubru 2013

li jżid mal-kwota tas-sajd tal-2013/2014 għall-Inċova fil-Bajja ta' Biscay il-kwantitajiet miżmuma minn Franza u Spanja fl-istaġun tas-sajd 2012/2013 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' applikazzjoni tal-kwota tas-sajd allokata lilhom, biex iżommu ammont massimu ta' 10 % ta' dik il-kwota sabiex jiġi ttrasferit għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha żżid il-kwantità miżmuma mal-kwota rilevanti.
- (2) It-TACs u l-kwoti għall-Istati Membri għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay (subżona VIII tal-ICES) huma stabbiliti għal stagħun ta' tmexxija annwali li jibda mill-1 ta' Lulju u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 694/2012 tas-27 ta' Lulju 2012 dwar l-istabilliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-istaġun tas-sajd 2012/2013 (²) jiffissal-kwoti tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay (subżona VIII tal-ICES) għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2012 u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju 2013.
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 713/2013 tat-23 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-istaġun tas-sajd 2013/14 (³) jiffissal-kwoti tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay (subżona VIII tal-ICES) għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2013 u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju 2014.
- (5) Skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd u wara li tqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd

skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (⁴) u t-trasferimenti tal-kwoti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 il-kwoti għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay disponibbli għal Franza u Spanja fi tmiem l-istaġun tas-sajd 2012/2013 jammontaw rispettivament għal 4 876 tunnellata u 16 460 tunnellata.

- (6) Fi tmiem l-istaġun tas-sajd 2012/2013, Franza u Spanja rrappurtaw qabdet ta' inċova fil-Bajja ta' Biscay li ammontaw għal 4 805,1 tunnellata u 11 275,2 tunnellati rispettivament.

- (7) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, Franza u Spanja talbu li parti mill-kwota tagħhom ta' inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-istaġun tas-sajd 2012/2013 tinżamm u tiġi ttrasferita għall-istaġun tas-sajd ta' wara Fil-limiti indikati f'dan ir-Regolament, il-kwantitat miżmuma għandhom jiżiddu mal-kwota tal-istaġun tas-sajd 2013/2014.

- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwota tas-sajd għall-inċova ffissata għal Franza fil-Bajja ta' Biscay fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 713/2013 tiżdied b' 70,9 tunnellati.

2. Il-kwota tas-sajd għall-inċova ffissata għal Spanja fil-Bajja ta' Biscay fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 713/2013 tiżdied b' 1 646 tunnellata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 203, 31.7.2012, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 201, 26.7.2013, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*
